# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-5 ta' Novembru, 2015.**

**Rikors Numru 11/2013 SM**

**Joseph Camilleri**
**(I.D. 434884 (M)**

**vs.**

**Avukat Generali**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors datat it-8 ta' Frar, 2013, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona is-segwenti:

1.1. Illi kien hemm guri appuntat ghall-25 ta' Frar, 2013, fil-konfront tieghu u dan, bl-Att ta' l-Akkuza 16/2010;

1.2. Illi l-intimat ghazel din il-procedura indikata fil-paragrafu precedenti, liema procedura awtomatikament izzid il-piena;

1.3. Illi din ghalhekk tivvjola d-drittijiet tieghu taht l-artiklu 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem;

1.4. Illi ghal dan il-ghan ghamel rikors biex il-guri jigi differit, liema rikors gie michud *stante* li ssoprosessjoni twassal biss biex ittawwal i-proceduri;

1.5. Illi d-differenza fil-piena bejn proceduri mibghuta fil-Qorti tal-Magistrati u dawk mibghuta fil-Qorti Kriminali hi kbira ferm;

1.6. Illi fis-sentenza taghha fl-ismijiet John Camilleri vs. Malta, datata t-22 ta' Jannar, 2013, il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, sostniet illi f'dan il-kaz hemm vjolazzjoni tal-Konvenzjoni *de quo* rigward l-artiklu 7 u li allura ma kienx hemm ghalfejn tesplora l-artiklu 6 ta' l-istess;

1.7. Illi f'opinjoni dissenzjenti gie emfasizzat li l-istess qorti kellha wkoll tindirizza l-artiklu 6 in dizamina;

1.8. Illi ghalhekk, il-posizzjoni ta' l-intimat fir-rigward ghandha tigi riveduta;

1.9. Illi l-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta jistabbilixxi li meta jkun hemm sentenza mill-Qorti Ewropea, din trid tinghata effett f'Malta;

1.10. Illi l-kazistika lokali dejjem sostniet li l-qrati lokali obbligati japplikaw u jimxu fuq l-interpretazzjoni hemm moghtija, u dan, anke kif sostniet l-istess Qorti Ewropea f'Aquilina vs. Malta;

1.11. Illi biex il-kaz jigi umbaghad rimess lill-istess qorti fil-kapacita` plenarja taghha, l-istess kaz irid ikun jolqot diversi Stati Membri;

1.12. Illi f'kaz t'intransigenza minn istituzzjonijiet Maltin li jimpedixxu access lejn il-Qorti Ewropea, dan jikkostitwixxi vjolazzjoni taht l-artiklu 13 ta' l-istess Konvenzjoni;

1.13. Illi ghaldaqstant, adixxa din il-qorti biex din:

1.13.1. Tiddikjara li d-diskrezzjoni moghtija lill-Avukat Generali fl-artiklu 22(c) tal-Kap 101, tivvjola l-artiklu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea fuq riferita, u ghalhekk tikkostitwixxi ksur ta' smiegh xieraq;

1.13.2. Tiddikjara li l-att tal-akkuza 16/10 indirizzat fil-konfront tieghu jivvjola l-artikli citati fil-paragrafu precedenti u ghalhekk hu null u minghajr effett;

1.13.3. Taghti rimedju u ordni immedjat biex twaqqaf il-procedura involuta sakemm jigi deciz l-ilment tieghu;

1.13.4. Taghti rimedju effettiv u kumpens xieraq ghal vjolazzjonijiet minnu sofferti;

1.13.5. Bl-ispejjez;

2.0. Rat ir-rikors ulterjuri datat ukoll it-8 ta' Frar, 2013, li permezz tieghu ghar-ragunijiet hemm esposti, talab li din il-qorti: (ara foll 5)

2.1. Twaqqaf il-proceduri kriminali sa kemm tigi deciza din il-kawza;

2.2. Tappunta l-istess procedura odjerna biex tigi dibattuta l-kwistjoni;

2.3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

3. Rat ir-risposta datata l-14 ta' Frar, 2013, ghar-rikors indikat fil-paragrafu precedenti li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm esposti, irrisponda li ma jezistux l-estremi biex titwaqqaf il-procedura kriminali u ghalhekk it-talba ghandha tigi michuda;

4.0. Rat ir-risposta datata wkoll l-14 ta' Frar, 2013, li permezz tieghu l-intimat Avukat Generali, sintetikament espona s-segwenti:

4.1. Illi ma jaghti l-ebda hjiel kif id-diskrezzjoni ta' l-intimat minnhu indirizzata f'din il-procedura ppregudikatlu d-drittijiet tieghu taht l-artikli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea;

4.2. Illi l-kaz Camilleri vs. Malta citat mir-rikorrenti ghandu fattispeci differenti minn dawk odjerni;

4.3. Illi sentenza tal-Qorti Ewropea ma tohloqx precedent fuq il-qrati Maltin, (ara Bugeja vs. Avukat Generali et tas-7 ta' Dicembru, 2009);

4.4. Illi s-sentenza Camilleri vs. Malta ghada m'ghaddietx in gudikat;

4.5. Illi l-artiklu 22 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta ma jiksirx l-artikli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea;

4.6. Illi rigward l-artiklu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea jinghad sintetikament is-segwenti:

4.6.1. Illi r-rikors promotur hu intempestiv *stante* li r-rikorrenti la ghadu instab hati u lanqas gie kkundannat;

4.6.2. Illi ghalhekk ghadu ma garrab l-ebda lezjoni;

4.6.3. Illi l-artiklu 22 tal-Kap 101 fuq riferit ma jikkontjeni l-ebda incertezza jew inprevedibilita`;

4.6.4. Illi *stante* li r-rikorrenti kien mixli b'aktar minn kilo erojina, allura l-kazistika fir-rigward kienet tindika bi precizjoni li l-akkuzi kienu ser jattiraw il-gurisdizzjoni tal-Qorti Kriminali;

4.6.5. Illi waqt l-istess prezentata wara l-konkluzjoni tal-investigazzjoni, r-rikorrenti kien jaf quddiem liema qorti kien ser jigi pprocessat,

kif sar fil-prezentata tieghu fit-18 ta' Gunju, 2003;

4.6.6. Illi ghalhekk ir-rikorrenti akkuzat waqt il-prezentata, kien jaf mill-ewwel bil-parametri legali involuti fil-kaz tieghu;

4.6.7. Illi ghalhekk ma jezisti l-ebda stat t'incertezza fir-rigward;

4.6.8. Illi *di piu`* inhareg ukoll l-att t'akkuza u mill-artikoli hemm citati kwalunkwe dubju li r-rikorrenti seta` kellu zgur li gew dissipati;

4.6.9. Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrenti fir-rigward ghandha tigi respinta;

4.7. Illi rigward l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jinghad sintetikament is-segwenti:

4.7.1. Illi fl-ebda hin ma jghid kif ser isofri minn nuqqas ta' smigh xieraq;

4.7.2. Illi dan l-ilment sollevat mir-rikorrenti ma jaqa` taht l-ebda wahda mic-cirkostanzi elenkati fl-istess artiklu;

4.7.3. Illi ghalhekk, l-ilment *de quo* mhux sostenibbli;

4.7.4. Illi *di piu`*, bid-decizjoni tieghu in dizamina l-intimat ma jkunx qed jiddetermina l-mertu ta' l-akkuzi;

4.7.5. Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrenti fir-rigward ghandha wkoll tigi respinta;

4.8. Illi rigward l-artiklu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea jinghad sintetikament is-segwenti:

4.8.1. Illi r-riferenza tar-rikorrenti fir-rigward hi ghal kollox fiergha;

4.8.2. Illi l-ebda istituzzjoni Maltija m'hi ha xxekkel lir-rikorrenti milli jkollu access lejn il-Qorti Ewropea;

4.8.3. Illi *del resto*, dan hu dritt moghti lil kulhadd *ai termini* ta' l-artiklu 5 tal-Kap 319 fuq gia` riferit;

4.9. Illi rigward ir-rimedji mitluba jinghad sintetikament is-segwenti:

4.9.1. Illi m'hemm l-ebda rimedju x'jigi konstatat *stante* li m'hemm l-ebda ksur tal-Konvenzjoni Ewropea;

4.9.2. Illi f'kaz li tinsab xi lezjoni, r-rimedju m'ghandux ikun dak ta' annullament ta' l-att ta' l-akkuza jew tal-waqfien tal-procedura kriminali izda ghandu jkun dikjarazzjoni ta' sejbien ta' lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, u fil-massimu, kumpens monetarju in linea ma' Camillleri vs. Malta;

4.10. Illi fid-dawl tas-suespost, ir-rikors promotur ghandu jigi respint bl-ispejjez;

5.0. Rat is-sentenza preliminari taghha datat t-22 ta' Frar, 2013, fejn ghar-ragunijiet premessi: (ara foll 52);

5.1. Ordnat it-twaqqif tal-proceduri kriminali sakemm jigi deciz ir-rikors principali b'mod konklussiv;

5.2. Appuntat r-rikors promotur ghas-smiegh;

5.3. B'rizerva fuq l-ispejjez ghad-decizjoni finali;

6. Rat it-talba ta' l-abbli rapprezentant legali ta' l-intimat datata l-22 ta' Frar, 2013, biex ikun awtorizzat jappella mill-istess *ai termini* ta' l-artiklu 229(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, (ara foll 50)

7. Rat id-digriet taghha datat it-22 ta' Frar, 2013, fejn wara li semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, laqghet it-

talba ta’ l-intimat indikata fil-paragrafu precedenti, (ara foll 50);

8. Rat is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fir-rigward datata l-1 ta’ Lulju, 2013, li ghar-ragunijiet hemm premessi, hassret u rrevokat is-sentenza preliminari fuq riferita u cahdet it-talba tar-rikorrenti biex jitwaqqfu l-proceduri kriminali *de quo*, (ara foll 80);

9. Rat id-digriet taghha datat it-8 t’Ottubru, 2013, li permezz tieghu, wara rikors appozitu ta’ l-intimat datat l-4 t’Ottubru, 2013, u iehor tar-rikorrenti datat id-9 t’Ottubru, 2013, irriappuntat il-procedura odjerna ghall-kontinwazzjoni, (ara foll 84 – 87);

10. Rat id-digriet taghha datat l-20 ta’ Novembru, 2013 , li permezz tieghu, fuq talba ta’ l-abbli rapprezentanti legali ta’ l-intimat, mhix opposta, awtorizzat lill-partijiet biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-terminu hemm indikat, (ara foll 99);

11. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata il-21 ta’ Novembru, 2013, (ara foll 109), flimkien ma dik ta’ l-intimat datata s-6 ta’ Dicembru, 2013, (ara foll 114);

12.0. Rat ir-rikors datat il-11 ta’ Dicembru, 2013, li permezz tieghu r-rikorrenti talab li jkun awtorizzat izid talba li:

12.1. Hemm vjolazzjoni ta’ l-artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem peress li l-proceduri hadu zmien mhux ragonevoli; u

12.2. Konsegwentement tillikwida d-danni kawzati minn tali vjolazzjoni; u

12.3. Takkorda wkoll danni morali ghall-istess;

13.0. Rat ir-risposta ta’ l-intimat datata t-3 ta’ Jannar, 2014, ghat-talba mizjuda tar-rikorrenti li permezz taghha sintetikament irrisponda s-segwenti:

13.1. Illi d-dewmien riskontrat ma jfissirx li ma kienx gustifikat;

13.2. Illi dan ghandu jitqies fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz;

13.3. Illi jrid jigi ppruvat li tali dewmien kien wiehed kapriccuz u intiz biex ikun ta' zvantagg lir-rikorrenti;

13.4. Illi fil-kumpilazzjoni qatt ma intalbu differimenti bla bzonn, (ara foll 132 *et sequitur*);

13.5. Illi l-proceduri kostituzzjonali intavolati mir-rikorrenti wara li inghalqet il-kumpilazzjoni m'ghenux f'dan ir-rigward;

13.6. Illi jekk sar dewmien dan kien kkagunat mill-imgieba tar-rikorrenti;

13.7. Illi l-fatt li l-intimat irtira l-akkuza re l-kongura fit-traffikar tad-droga ma jfissirx li dan iwassal ghal dewmien fil-process kriminali;

13.8. Illi kumpens kostituzzjonali mhux ekwivalenti ghal danni civili;

13.9. Illi ghalhekk it-talbiet addizzjonali tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

14.0. Rat il-verbal ta' l-abbli rapprezentanti legali tar-rikorrenti datat id-9 t'April, 2015, li permezz tieghu:

14.1. Irtira l-kawzali u l-ilment dwar l-uzu tad-diskrezzjoni ta' l-Avukat Generali in dizamina;

14.2. Jirrizerva t-talba addizzjnali tieghu rigwardanti id-dewmien, (ara foll 197);

15. Rat id-digriet taghha datat id-9 t'April, 2015, li permezz tieghu, fuq talba ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw biss il-kwistjoni tad-dewmien bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 197 u 198);

16. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datat is-27 ta' Mejju, 2015, (ara foll 201), flimkien ma dik ta' l-intimat datata t-2 ta' Gunju, 2015, (ara foll 203);

17. Semghet ix-xhieda prodotta;

18. Ezaminat id-dokumenti esebiti, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati;

Ikkunsidrat:

19.0. Illi in vista tal-verbal ta' l-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti datat id-9 t'April, 2015, jinghad is-segwenti:

19.1. Illi t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur datat it-8 ta' Frar, 2013, gew ghalhekk irtirati;

19.2. Illi ghalhekk il-procedura odjerna hi issa esklussivament limitata fuq il-kwistjoni tad-dewmien tal-procedura kriminali;

19.3. Illi jigi analizzat jekk dan id-dewmien jivvjolax id-dritt ta' smiegh xieraq kif sancit mill-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

Ikkunsidrat:

20. Illi skont ir-rikorrenti ma jezisti l-ebda dubju fir-rigward, (ara foll 201);

21. Illi dan id-dewmien xekkel il-hajja privata tieghu, (ara foll 201);

22. Illi l-ordni ta' frizar ta' l-assi tar-rikorrenti xekklu milli jkun jista` jinnegozja, (ara foll 201);

23. Illi r-rikorrenti baghtha wkoll moralment, (ara foll 201);

24. Illi wara li l-intimat indirizza l-procedura quddiem il-Qorti tal-Magistrati, instab hati ta' pussess ta' droga u kien liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor, (ara foll 202);

Ikkunsidrat:

25. Illi l-posizzjoni ta' l-intimat tista` tigi sintetikament elenkata bil-mod segwenti:

25.1. Illi l-uniku ilment in dizamina hu jekk ir-rikorrenti garrabx dewmien irragonevoli fil-proceduri kriminali in dizamina;

25.2. Illi minn ezami tal-process kriminali jirrizulta s-segwenti:

25.2.1. Illi l-kawza giet inizjata fit-18 ta' Gunju, 2013, (ara foll 132);

25.2.2. Illi l-assi tar-rikorrenti gew debitament iffrizati skont il-ligi, (ara foll 133);

25.2.3. Illi permezz ta' ordni appozitu datata s-16 ta' Jannar, 2004, id-depozitu relattiv ghall-ghoti tal-liberta` provizorja kien modifikat favorevolment ghar-rikorrenti, (ara foll 135);

25.2.4. Illi tul il-kompilazzjoni x-xhieda tal-prosekuzzjoni tirrizulta li kienet giet ipprezentata b'regolarita`, (ara foll 136 sa 163);

25.2.5. Illi l-presekuzzjoni ddikjarat li m'ghandiex xhieda aktar x'tipproduci fl-udjenza tat-22 ta' Jannar, 2010, (ara foll 163);

Ikkunsidrat:

26. Illi ghandu jigi immedjatament ribadit il-principju li min jallega jrid jipprova;

27. Illi f'dan is-sens ir-rikorrenti jirrizulta pjuttost superficjali *stante* li jfalli milli jipprova dak minnu allegat;

28. Illi dak li jirrizulta oggettivament konstatat hu li l-procedura kriminali in dizamina giet inizjata fit-18 ta' Gunju, 2003, u giet terminata fl-14 ta' Lulju, 2014, wara li l-istess rikorrenti kien ikkontribwixxa ghall-istess bl-inizjattivi kostituzzjonali li ha u li finalment iddesista milli jippersegwixxi, (ara foll 197);

Ikkunsidrat:

29. Illi f'dan il-kamp partikolari ta' l-iter temporanju li kawza ghandha tiehu, jigi ribadit dak li jsostnu l-Van Dijk u l-Van Hoof fl-opus taghhom *"Theory and Practice of the European Convention on Human Rights*, *Third Edition*:

> "The Court has regard to the particular circumstances of the case, and has not established an absolute time-limit. In some cases the Court makes an overall assessment rather than referring directly to the above mentioned criteria";

30. Illi f'dan ir-rigward l-istess awturi jistabbilixxu li l-ezami tad-dewmien riskontrat ghandu jigi analizzat f'kull fazi tal-procedura ghaliex:

> "The reasonableness cannot be judged in the abstract but has to be assessed in view of the circumstances of each individual case"; (ibid p. 446)

31.0. Illi ghalhekk din tinhtieg analizi tripplu:

31.1. Il-komplessita` tal-kaz;

31.2. L-imgieba ta' l-inputat, (ir-rikorrenti);

31.3. L-imgieba ta' l-awtoritajiet;

32. Illi fir-rigward, l-awtoritajiet ikkoncernati, senjatament il-prosekuzzjoni, l-Avukat Generali u l-Qorti jirrizultaw li ma jippekkawx f'dan ir-rigward *stante* li jirrizulta li qdew l-obbligi istituzzjonali taghhom kif dovut;

33. Illi *di piu`*, ir-rikorrenti ma gab l-ebda prova li permezz taghha jtappan l-agir ta' l-istess;

Ikkunsidrat:

34. Illi ghalhekk ma jirrizultax li kien hemm dewmien kappriccuz jew irregolari imputabbli lill-imsemmija istituzzjonijiet;

35. Illi ghandu jkun pacifiku li l-kaz kien pjuttost delikat u involva numru konsiderevoli ta' xhieda – 45, (ara foll 205), oltre l-esperti nominati li riedu z-zmien taghhom biex jespletaw l-inkarigi taghhom;

36. Illi kif ritenut f'**Ellul Sullivan et vs. Avukat Generali et** datata t-**18 ta' Gunju, 2008**, il-**Qorti Kostituzzjonali** ssosstni:

> "... volume of evidence, number of defendants or charges, the need to obtain expert evidence or evidence from abroad or the complexity of the legal issues involved",

jimmeritaw konsiderazzjoni f'dan ir-rigward;

37. Illi jirrizulta li wara l-gheluq tal-kumpilazzjoni, l-att t'akkuza inhareg minghajr dilungar;

38. Illi l-intoppi procedurali jirrizultaw aktar ikkawzati mill-manuvri tar-rikorrenti stess biex kemm jista` jkun jevita l-process permezz tal-gurija;

39. Illi meta ittiehdet id-decizjoni li l-proceduri jkunu indirizzati fid-direzzjoni tal-Qorti tal-Magistrati dawn gew decizi f'perjodu qasir;

Ikkunsidrat:

40.0. Illi ghalhekk, in vista tal-premess din il-qorti ma tqisx li r-rikorrenti pprova l-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

40.1. Filwaqt li takkolji r-risposta ulterjuri ta' l-intimat fir-rigward;

40.2. Tirrespingi t-talba ulterjuri tar-rikorrenti;

40.3. Bl-ispejjez kollha ta' din il-procedura inkluza tas-sentenza preliminari fuq riferita, kontra r-rikorrenti:

____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**